**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 17 ta' Marzu 2016**

**Pulizija**

**Spettur Malcolm Bondin**

**Vs**

**George Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra George Azzopardi ta' 32 sena, bin Geranzio u Anna nee Spiteri, imwieled Attard nhar is-26 ta' Dicembru 1978, residenti Anici Flat 2 Triq Villambrosa Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita 63179M;

Talli nhar il-11 ta' Jannar 2011, ghall-habta tad-9:00pm gewwa l-Ghassa tal-Pulizija:

1) Iddenunzja lil-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq, holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Aktar talli fl-istess data, ghal-habta tal-5:00pm, gewwa Luxol Grounds St. Andrews:

2) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) izda izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

3) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) , ghad-detriment ta' Anton (Anthony) Cremona;

4) Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, saq vettura ta' l-ghamla Toyota, mudell Starlet, bin-numru tar-registrazzjoni MFA999 b'manjiera traskurata u perikoluza;

5) Aktar talli saq l-istess vettura b'velocita eccessiva;

6) Aktar sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

7) Aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D nhar l-20 ta' Novembru 2009, liema sentenza definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-Pulizija tat-Taqsima Kontra d-Droga kellha informazzjoni li fil-11 ta' Jannar, 2011, gewwa l-parkegg pubbliku tal-Luxol jew fil-vicinanzi, seta' kien ser ikun hemm bejgh illecitu ta' sustanzi projbiti. Il-Pulizija ghalhekk kienet marret fuq il-post b'numru ta' vetturi, tistenna biex tara jekk kienx ser jitwettaq dan ir-reat. Fil-hin, dehru zewg vetturi li kienu qed jigu osservati mill-istess Pulizija, u raw li kien ghaddej xi haga bejn il-persuni li kienu f'dawn il-vetturi. Ghalhekk il-Pulizija intervjeniet, u intercettat lil wahda mill-vetturi, tat-tip Toyota bin-numru BBL 119 misjuqa minn certu Clive Dimech, li gie arrestat minnufih. Il-vettura l-ohra, Toyota Starlet bin-numru MFA 999, saqet 'l hemm u harbet minn fuq il-post b'velocita' kbira, tant li habtet f'vann tal-Pulizija li bl-istess impatt habtet ma' vettura ohra, tat-tip Hyundai Accent bin-numru GAN 602. Il-Pulizija ppruvat issegwi lil din il-vettura li harbet minn fuq il-post, izda din intilfet. Dan l-incident sehh fil-hinijiet tal-hamsa ta' fil-ghaxija.

Aktar tard, ghall-habta tad-disa' ta' fil-ghaxija, George Azzopardi – l-imputat – mar ghamel rapport lill-Pulizija tal-Hamrun li l-vettura tal-'partner' tieghu, Toyota Starlet bin-numru MFA 999, kienet nieqsa mill-post fejn kien halliha l-lejl ta' qabel. Sussegwentement, il-vettura kienet instabet abbandunata fl-inhawi ta' San Gwann bil-hgiega tax-xufier imkissra u bi hsarat ohra fuqha. Il-Pulizija bdiet l-investigazzjonijiet taghha u interrogat lil Azzopardi, fil-waqt li nfethet inkjesta magisterjali fuq il-bejgh ta' droga li kien ser isehh fil-parkegg tal-Luxol. Ghalhekk l-imputat tressaq biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi kontra tieghu. Jigi rilevat, izda, li ma hemm l-ebda imputazzjoni ta' traffikar jew pussess ta' droga. L-imputazzjonijiet huma kollha ta' sewqan eccessiv u perikoluz, u ta' rapport falz lill-Pulizija.

**Provi;**

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi provi u xhieda, fosthom il-*proces verbal* li kien sar rigward l-incident kollu, inkluz is-sejba ta' droga fil-vicinanzi tal-post. Il-PV

inghalaq fl-4 ta' Ottubru, 2011, mill-Magistrat Joseph Apab Bologna. Fih hemm is-segwenti dokumenti;

Fol.6 – Rapport tal-Ispettur Jesmond J Borg

Fol.9 – Nota tal-arrest ta' Clive Dimech

Fol.10-11 – Seduta biex jigu elevati impronti ta' Dimech

Fol.13-14 – Rikors u mandat ghall-arrest ta' George Azzopardi, datat 11 ta' Jannar 2010

Fol.15 – Nota tal-arrest ta' Azzopardi, datata 12 ta' Jannar 2010

Fol.21 – Rapport ta' Joseph Zammit, espert mekkaniku

Fol.50 – Rapport ta' PS 1525 Patrick Farrugia, impronti digitali

Fol.70 – Rapport ta' PS 612 Theo Vella, fotografija

Fol.81 – Rapport ta' PS 1147 Antoine Fenech u PC 453 Brian Cassar, fotografija

Fol.95 – Rapport ta' Dr Marisa Cassar, analizi DNA

Fol.100 – Rapport ta' PC 826 Matthew Parnis, impronti ta' Clive Dimech

Fol.113 – Rapport addizzjonali ta' Dr Marisa Cassar

Fol.124 – Seduta sabiex jigu elevati kampjuni ta' DNA minn fuq Clive Dimech u George Azzopardi

Fol.130 – Rapport addizzjonali ta' Dr Marisa Cassar

Il-kontenut tal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Magistrat inkwerenti kienu s-segwenti;

1. Wara rapport tal-Pulizija, maghmul telefonikament fil-11 ta' Jannar 2010, konfermat bil-miktub skond kif jidher mill-anness dokument, illi fl-istess data kien sehh l-incident kif hawn fuq deskritt i li seta' jinvolvi ftehim dwar traffikar ta' droga, il-Magistrat Inkwerenti permezz tal-appozitu digriet hawn anness, innomina lil:

a) PS 612 Theo Vella, PC 826 Matthew Parnis, PS 171 Karl Glenville u PS 465 Daniel Abela bhala 'scene of the crime officers' in konnessjoni ma' tehid ta' ritratti kif ukoll l-elevazzjoni u konservazzjoni ta'

mpronti u ta’ kull dokument relevanti ghal dan il-kaz u sabiex jirrelataw dwar dak kollu rilevanti.

b) Joseph Zammit bhala espert mekkaniku sabiex izomm axxess u jirrelata dwar dak kollu rilevanti ghal dan il-kaz minn dan il-lat.

c) Dottor Marisa Cassar, serologista, in konnessjoni ma’ analisijiet dwar hrug ta’ profili genetici ta’ kampjuni elevati u sabiex tirrelata dwar dak kollu rilevanti minn dan il-lat.

2. Wara rapport sussegwenti maghmul telefonikament mill-Pulizija fit-12 ta’ Jannar 2010, konfermat bil-miktub skond kif jidher mill-anness dokument, illi l-istess Pulizija tal-Iskwadra ta’ kontra d-Droga, ghall-habta ta’ nofs in-nhar, waqt tfittxija fl-istess arja ta’ parkegg, kienet sabet kaxxa tal-kartun kontenenti zewg basktijiet b’ammont konsiderevoli ta’ pilloli aktarx ‘ecstasy’, l-istess Magistrat Inkwerenti, permess ta’ digriet iehor innomina lil:

a) PS 1147 Antoine Fenech, PS 453 Brian Cassar u PC 1525 Patrick Farrugia bhala ‘scene of crime officers’ in konnessjoni ma tahid ta’ ritratti kif ukoll l-elevazzjoni u konservazzjoni ta’ mpronti u ta’ kull dokument relevanti ghal dan il-kaz u sabiex jirrelataw dwar dak permess.

b) L-Ispizjar Mario Mifsud in konnessjoni mal-analisijiet kollha necessarji ghal dan il-kaz u sabiex jirrelata wkoll.

3. Wara rapport ossija talba maghmula fil-25 ta’ Jannar 2010, skond kif hawn anness, il-Magistrat Inkwerenti kien estenda l-inkarigu moghti lill-espert serologosta, Dottor Marisa Cassar in konnessjoni ma’ testijiet addizzjonali dwar profili genetici ossija ta’ ‘D.N.A.’

4. Dwar l-esperti kollha nominati f’dan il-kaz, skond kif jidher minn digriet hawn anness u moghti fil-15 ta’ Frar 2011, l-istess Magistrat kien awtorizzat l-istess esperti sabiex dawn jikkomunikaw lill-Pulizija r-rizultanzi ta’ analisijiet maghmula u dan sabiex tista’ tissokkta l-investigazzjoni tal-kaz.

5. Permezz ta' digriet moghti fis-16 ta' Frar 2011 wara rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija presentat fl-istess data, it-tnejn annessi mal-istess atti, l-istess Magistrat Inkwerenti ordna li zewg persuni suspettati li setghu kienu nvoluti f'dan il-kaz cioe Clive Dimech u George Azzopardi jingiebu Quddiemu fit-22 ta' Frar 2011 fil-11:30am u dan sabiex Dottor Marisa Cassar, gjia msemmija televa kampjuni ta' 'D.N.A.' sabiex l-istess espert taghmel komparazzjoni. Dwar l-istess zewg persuni indikati jigi rilevat illi, kif jidher minn dawn l-atti, l-istess Magistrat Inkwerenti kien gie informat li, fil-11 ta' Jannar 2010, Clive Dimech kien gie arrestat mill-Pulizija fuq il-post tal-incident waqt li kien f'vettura numru BBL 119 u li kien ser jinzamm taht arrest ghal aktar minn sitt (6) sieghat ghall-iskop ta' investigazzjoni u li l-istess persuna kif jidher mill-verbal ta' seduta mizmuma fl-istess data, hawn anness, kien ta' l-kunsens tieghu, presenti l-istess Magistrat Inkwerenti sabiex jigu elevati l-Impronti tieghu kollha mill-espert PC 826 Matthew Parnis. Inoltre, dwar George Azzopardi, fil-11 ta' Jannar 2010, kif jidher mill-atti relattivi u annessi, il-Magistrat Inkwerenti kien awtorizzat lill-Pulizija sabiex jigi arrestat l-istess bniedem u ssir tfittxija fir-residenza u f'kull fond uzat mill-istess George Azzopardi. L-istess mandat ta' arrest kien gie esegwit fit-12 ta' Jannar 2010 ghall-habta ta' 12:30pm.

6. Mill-esperti nominati espletaw l-inkarigu moghti lilhom is-segwenti kif jidher mir-relazzjonijiet hawn taht specifikati:-

    a) Dok JZ – ir-relazzjoni tal-espert mekkaniku u li maghha hemm anness il-verbal tal-access u li ezamina u rrelata dwar hsarat kagunati fuq tlett (3) vetturi bin-numru ta' registrazzjoni GAM 602, HBC 962 u MFA 999.

    b) Dok PF – ir-relazzjoni tas-'scene of the crime officer' PC 1525 Patrick Farrugia u li ezamina d-dokumenti konsenjati lilu u li jinsabu deskritti fuq pagna 3 u 4 tal-istess relazzjoni. Mill-ezamijiet li saru ghall-presenza ta' impronti nstabu u gew elevati l-impronti kif deskritti fuq pagna 5 sa pagna 7 tal-istess relazzjoni u markati 10 ABZ SG1 sa 10 ABZ SG6. Dawn l-impronti nstabu annessi mal-istess relazzjoni flimkien mar-ritratti relattivi. Jigi rilevat ukoll li d-dokumenti gja msemmija u markati 10 ABZ 01 sa 10 ABZ 04 (ara pagna 3 sa pagna 4 ibid) gew konsenjati lill-espert serologista gja nominata fis-26 ta' Jannar 2010 (ara pagna 8 ibid).

c) Dok TV – ir-relazzjoni tas-'scene of the crime officer' nominat PS 612 Theo Vella u li maghha hemm annessi tnax-il (12) ritratt bil-kulur mehudin u sottomessi mill-istess espert dwar il-hsarat fuq il-vetturi numru GAN 602 u HBC 602 kif ukoll ritratti li juru dehra generali tal-post tal-incident.

d) Dok AF – ir-relazzjoni kongunta tas-'scene of the crime officers' nominati PS 1147 Antoine Fenech u PC 453 Brian Cassar u li maghha hemm annessi erbgha u erbghin (44) ritratt bil-kulur mehudin minn PC 453 Brian Cassar (ara pagna 4 u pagna 5 kif ukoll pagna 6 paragrafu 9 ibid). Mal-istess relazzjoni kemm anness dokument markat 10 ABZ 02B kif deskritt fuq pagna 3 ibid waqt li dawk elenkati fuq pagna 5 gew konsenjati minn PS 1147 Antoine Fenech lil PS 1147 (recte: PC 1525) Patrick Farrugia (ara l-anness Dok PF gja msemmi).

e) Dok MC1 – l-ewwel (1) relazzjoni sottomessa mill-espert serologista u li analizzat id-dokumenti gja msemmija u markati 10 ABZ 01 sa 10 BZ 04. Hawnhekk issir referenza ghal konkluzzjoni paragrafu 4 minn fejn jirrizulta illi mid-dokumenti markati 10 ABZ 03 u 10 ABZ 04 kienu inhargu zewg profili parzjali ta' ragel.

f) Dok MP – ir-relazzjoni tas-'scene of the crime officer' PC 826 Matthew Parnis involut kif gja nghad fl-elevazzjoni tal-impronti kollha ta' Clive Grech, presenti l-istess Magistrat inkwerenti. Ma din ir-relazzjoni hemm annessi r-ritratti deskritti fuq pagna 2 kif ukoll l-impronti elevati (10 ABY 201) u formula msejjha 'referal of a suspect to the Police Forensic Science Laboratory' (10 ABY 201a).

g) Dok MC2 – it-tieni relazzjoni tal-espert serologista li analizzat id-dokumenti markati 10 ABY 202. 10 ABY 202° u 10 ABY 203 elevati minn PS 465 Daniela Abela (ara l-paragrafu "stharrig"). Issir referenza ghall-paragrafu "konkluzjoni" minn fejn jirrizulta illi mill-kampjuni 10 ABY 202 u 10 ABY 203 irrizulta illi mill-kampjuni 10 ABY 202 u 10 ABY 203 irrizulta profil genetiku parzjali maskili u li jista jkun tal-istess ragel.

h) Dok MC3 – it-tielet relazzjoni tal-istess espert serologista in konnessjoni ma' komparazzjoni ta' 'D.N.A.'. Mal-istess relazzjoni hemm annessi l-kampjuni orali elevati minn halq Clive Dimech u George Azzopardi waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2011 sabiex dawn

jigu komparati ma' 'D.N.A.' estratt mill-kampjun 10 ABY 202, 10 ABY 202A u 10 ABY 203. Oltre l-profili genetici taz-zewg persuni ndikati (Tabella X) hemm ukoll id-dokumenti markati 10 ABY 202 u 10 ABY 202A li jinsabu f'envelope kannella intestat 'Forensic Science Laboratory'. Bhala konkluzjoni gie stabbilit illi l-kampjuni analizzati ma qablux ma' dawk elevati minn fuq iz-zewg persuni msemmija.

7. Fl-ahhar nett, wara li sar riassunt tal-esperti, li sallum, espletaw l-inkarigu moghti lilhom, b'digriet moghti fid-9 ta' Gunju 2011, wara rikors ta' Clive Dimech, it-tnejn annessi ma' dawn l-atti, il-Magistrat Inkwerenti atorizza lill-istess Clive Dimech sabiex l-oggetti elenkati fir-rikors presentat minnu jigu ritornati u rilaxxati lilu mil-Pulizija.

Peress li permezz ta' "rikors" presentat fis-27 ta' Settembru 2011, il-Magistrat Inkwerenti gie nformat illi persuna ser titressaq quddiem il-Qorti kompetenti in konnessjoni ma' dan il-kaz, l-istess Magistrat Inkwerenti jordna li dan il-Proces-Verbal kif ukoll l-atti u d-dokumenti kollha annessi mieghu u relattivi jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien moghti mill-ligi sabiex kollox jigi esebit quddiem il-Qorti li qed tippresjedi l-istess kaz. Inoltre Jordna li kopja ta' dan il-Proces-Verbal tingieb a konjizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**Xiehda;**

Ghalkemm l-inkjesta kienet inghalqet f'Ottubru 2011, it-tahrika kontra l-imputat giet ipprezentata l-Qorti fis-17 ta' Gunju 2011, bl-akkuzi indikati. Fis-16 ta' Frar 2012, inqrat l-akkuza u nbdew dawn il-proceduri. Gie esebit il-*proces verbal* kif indikat aktar qabel, u xehdu diversi ufficjali tal-Pulizija. **L-Ispettur Jesmond J Borg** spjega kif il-Pulizija kienet irceviet rapport li seta' kien ser ikun hemm skambju ta' droga bejn zewg persuni fl-inhawi tal-Luxol fis-Swieqi, u ghalhekk marru diversi Pulizija fuq il-post. Spjega kif kien hemm zewg vetturi, u wahda minnhom harbet minn fuq il-post meta l-Pulizija intervjeniet, u hekk kif harbet, habtet ma' vann tal-Pulizija bin-numru HBC 962 li min-naha taghha giet imbuttata fuq vettura ohra bin-numru GAN 602, bil-konsegwenza li dawn iz-zewg vetturi sofew hsarat fihom. Xehed li l-imputat kien qed isuq il-vettura MFA 999 li harbet minn fuq il-post. Qal ukoll li din il-vettura harbet u ma nstabetx, hlief xi sieghat wara. Fil-frattemp dahal rapport l-Ghassa tal-Hamrun

li l-vettura MFA 999 kienet insterqet minn fejn thalliet hdejn il-Junior College il-lejl ta' qabel. Ir-rapport kien sar minn George Azzopardi u l-vettura kienet registrata fuq Claudia Grixti, il-'partner' tal-imputat. L-Ispettur Borg qal li hu kellem lil Grixti li kkonfermat li l-vettura kienet thalliet fejn ir-residenza taghhom, u li Azzopardi kien maghha dakinhar tal-11 ta' Jannar. Ghalhekk l-Ispettur beda jissuspetta f'Azzopardi li seta' kien hu bil-vettura u dan gie arrestat l-ghada, 12 ta' Jannar, u gie interrogat u rrilaxxa stqarrija. L-Ispettur Borg qal li l-imputat beda jkellmu fuq is-serq tal-vettura, izda kif is-suggett dar fuq l-incident tal-Luxol, l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda. Gew esebiti l-istqarrija tal-imputat, l-okkorrenza tar-rapport li ghamel Azzopardi dwar is-serq tal-vettura, l-okkorrenza tal-incident fil-Luxol, u tlitt sentenzi tal-Qorti fil-konfront tal-imputat dwar ir-recidiva.

Xehed **PC 10 Trevor Cassar Mallia**, li qal li hu kien qed josserva l-vetturi MFA 999 u BBL 119 minn Bahar ic-Caghaq sal-Forum Hotel fejn St Andrew's, u halla f'idejn ufficjali ohra. Xehed ukoll **l-Ispettur Robert Said Sarreo** li qal li hu kien l-ghassa ta' San Giljan u gie msejjah fuq il-post peress illi kienu habtu l-vetturi msemmija hawn fuq meta harget it-Toyota MFA 999 misjuqa b'velocita'. Xehed ukoll **PS 601 Justin Spiteri** li kien ha r-rapport li kien ghamel George Azzopardi dwar is-serq tal-vettura MFA 999, liema rapport sar fil-11 ta' Jannar 2010, fid-9.00pm, ghall-jum ta' qabel, l-10 ta' Jannar. Fis-seduta tas-16 ta' Frar 2012 xehed ukoll **PC 392 Kevin Caruana**, li esebixxa ritratti tal-hsarat sofferti fuq il-vann tal-Pulizija, Kia Ceres bin-numru HBC 962. Hu qal li l-vann ma kellux hsarat kbar, u kien issewwa fil-frattemp. Warajh xehed **George Stagno Navarra**, ghan-nom tal-kumpanija assikuratrici ta' sid il-vettura GAN 602 li kienet wieqfa fil-Luxol Grounds u li l-vann tal-Pulizija spicca mbuttat fuqha u mahbut maghha. Hu qal li l-vettura sofrieh hsarat fl-ammont ta' ftit aktar minn elf u hames mitt Ewro, u kienet issewwiet.

Fis-seduta tad-29 ta' Marzu, 2012, gie prodott bhala xhud **PS 1174 Adrian Sciberras**, li qal li hu dakinhar kellu istruzzjonijiet jidhol fil-Luxol Grounds f' St Andrews bil-vettura ts-servizz u jsakkar zewg vetturi, Toyota Carina u Toyota Starlet, u jarresta lill-persuni ta' go fihom, peress illi seta' kien hemm bejgh ta' droga bejniethom. Hu dahal fil-post, u rnexxielu jsakkar il-vettura Toyota Carina bin-numru BBL 119, u arresta lix-xufier taghha, certu Clive Dimech. Hekk kif gara dan, ix-xhud qal li l-vettura l-ohra, Toyota Starlet bin-numru MFA 999, lahqet harbet minn fuq il-post, billi habtet fil-vann tal-Pulizija li kien qed jaghlaq il-hrug mil-Luxol. Sciberras saq ghal wara din il-vettura izda din ghebet

mill-vista tieghu. Wara sar jaf li nstabet fil-wied bejn is-Swieqi u San Gwann, u mar fil-post fejn instabet. Kellha daqqa fuq quddiem u xi bicciet tal-hadid wara. Hu ma rax min kien qed isuq.

F'dik is-seduta xehdet **WPC 272 Diane Camilleri**, li qalet li dakinhar hi kienet qed tghin f'din l-operazzjoni tal-Pulizija, u rat lil George Azzopardi, l-imputat, li gharfet fl-Awla, jahrab minn fuq il-post isuq b'mod perikoluz, tant li habat fil-vettura fejn kien hemm PC 351 u harab lejn Paceville. Qalet li gharfitu ghax kienet arrestatu xi zmien qabel. Qalet ukoll li dak il-hin hi infurmat lil xi hadd li gharfitu izda ma ftakretx lil min. Qalet li hu hares lejha u baqa' sejjer. Xehed ukoll **PC 1036 Jonathan Pace**, li kien biss xhud tal-istqarrija.

Fis-seduta tas-26 ta' April, 2012, gew prodotti sitt xhieda ohra. **PS 1086 Johan Micallef** qal li dakinhar kien qed josserva l-operazzjoni tal-Pulizija fil-Luxol, u ra l-vettura Toyota Starlet MFA 999 tigi vicin tieghu u kienet misjuqa mill-imputat li hu gharaf fl-Awla. Xehed li rah isuq b'velocita' u sema' l-hoss ta' habta. Xehed **PS 579 Antoine Micallef** li qal li dakinhar ukoll hu kien fil-Luxol Grounds u ra din il-vettura tahrab minn fuq il-post b'velocita' kbira, tant li ghal ftit ma laqatx lil PS 891. Il-vettura habtet fil-vann tal-Pulizija li kienet qed taghlaq il-hrug mil-Luxol, izda bid-daqqa l-vann dar u l-vettura harbet minn fuq il-post. Wara hu kien mar fejn instabet il-vettura, kellha daqqa u hgiega miksura u kien hemm xi hgieg mal-art. Xehed ukoll **PS 891 Oscar Baldacchino**, li qal li dakinhar hu kien jifforma parti mill-membri tal-Pulizija li kienu ser jintervjenu fuq operazzjoni ta' droga bejn zewg persuni. Hu qal li kellu jsegwi l-movimenti ta' zewg vetturi, BBL 119 u MFA 999. Grupp minnhom waqqfu l-vettura BBL 119, mentri hu kellu jwaqqaf il-vettura l-ohra. Gara, izda, li x-xufier tal-MFA 999 induna bil-presenza tal-Pulizija u saq b'velocita eccessiva fid-direzzjoni tieghu. Qal li hu kien flimkien ma' WPC 272 u PS 579 u ghalkemm identifika ruhu bhala Pulizija u ordna lil tal-vettura MFA 999 biex jieqaf, dan baqa' jsuq u gharfu bhala George Azzopardi l-imputat fl-Awla. Hu spara zewg tiri lejn ir-roti tal-vettura, izda din habtet fil-vann tal-Pulizija, imbuttatu ghal fuq vettura ohra, u harbet lejn in-naha t' isfel. Fix-xhieda tieghu, is-Surgent Baldacchino irrefera ghall-imputat bhala George Falzon ghal darbtejn, u kien biss mat-tielet darba li l-Prosekutur rega' staqsieh ghall-kunjom l-imputat li kkorega ruhu ghal Azzopardi. Xehed **PC 351 Joseph Borg** li qal li hu kien qed isuq il-vann tal-Pulizija u li ghalaq il-hrug mil-Luxol bl-istess vann. Qal li l-vettura BBL 119 saqet ghal fuqu u habtet fil-vann u dawritu ghal fuq il-vettura Hyundai GAN 602. Mistoqsi mill-gdid, rega' qal li l-vettura li saqet ghal fuqu kienet Toyota Starlet bin-numru BBL 119.

Xehed **Stephen Cachia ghal Transport Malta** u qal li l-vettura MFA 999 hi Toyota Starlet ta' kulur abjad registrata fuq Claudia Grixti ID 84883M u li ilha hekk registrata sa minn Jannar 2008. Qal li kien hemm rapport li din insterqet fil-11 ta' Jannar 2010. Xehed **Anthony Cremona** li qal li dakinhar kien diehel fil-Luxol Grounds bil-vettura tieghu Hyundai GAN 602, meta ra vann jostakola t-triq, u l-istess vann gej ghal fuq il-vettura tieghu u vettura ohra ta' lewn abjad tghaddi minn ma' genb il-vann. Qal li d-daqqa li qalghet il-vettura tieghu kienet bil-vann, li kien qala' daqqa wkoll u gie mbuttat ghal fuq il-vettura tieghu. Qal ukoll li hu kien sewwa l-hsarat.

Fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2012, xehed **PC 213 Nicolai Borg** li qal li hu kien fl-imkien ma' Pulizija ohra dakinhar josservaw bejgh ta' droga. Hu kien qed isuq vettura u ra vettura ohra BBL 119 Toyota Carina bajda u mblukkaha bl-istess vettura li kien qed isuq. Waqt li qed jaghmel hekk, ra l-vettura l-ohra MFA Toyota Starlet bajda tahrab minn fuq il-post b'velocita' qawwija. Hu saq ghal warajha, izda ma lahaqhiex. Aktar tard il-vettura instabet fl-inhawi ta' San Gwann u gew infurmati s-superjuri tieghu. Xehed ukoll **PC 1372 Aaron Cutajar** li kien flimkien ma' Pulizija ohra u dawn marru fuq il-vettura Toyota Carina BBl 119 u arrestaw lil Clive Dimech. Il-vettura l-ohra, Toyota Starlet bajda MFA 999 saqet u harbet minn fuq il-post billi habtet fil-vann tal-Pulizija u vettura ohra. Hu flimkien ma' ohrajn saqu wara din il-vettura izda din lahqet harbet. Ftit wara sabuha f'San Gwann u nfurmaw lill-Ispettur. Giet prodotta wkoll **Claudia Grixti**, li hi s-siehba tal-imputat u s-sid tal-vettura Toyota Starlet MFA 999, li ghazlet li ma tixhedx f'dawn il-proceduri wara li giet debitament imwissija mill-Qorti.

B'hekk il-Prosekuzzjoni ddikkjarat li ghalqet il-provi taghha.

Mis-27 ta' Settembru, 2012, 'il quddiem, b'xorti hazina hafna, l-Ufficjal Prosekutur beda jsofri minn kundizzjoni ta' debbolezza f'sahhtu, tant li ma baqax jattendi l-Qorti. Id-difiza kellha xejn anqas minn sittax-il seduta, sas-7 ta' Mejju 2015, biex tressaq il-provi taghha, sa ma l-Qorti ddikjarat il-provi tad-difiza maghluqa. Il-Qorti tifhem u tapprezza li l-Ispettur Jesmond J Borg baqa' indispost u ghalhekk ma setax isirlu kontro-ezami, kif baqghet titlob u tinsisti d-difiza, izda seta' facilment jigi prodott xhud iehor u jsir il-kontro-ezami ta' dak ix-xhud minn flok, u ma jintilefx daqshekk zmien – kwazi tlitt snin shah – ghal

xejn. Madankollu, il-Qorti laqghet talba tad-difiza biex jixhed l-imputat, li xehed fis-17 ta' Gunju 2015.

**George Azzopardi** qal li hu ghandu hanut tal-laham il-Hamrun bl-isem *Madonna Tal-Karmnu Butcher*. Xehed li fil-11 ta' Jannar, kif lesta mill-hanut, mar ghall-karozza tieghu u ma sabhiex hemm. Ghamel rapport l-Ghassa u mar id-dar jorqod. Il-vettura kien halliha fejn il-Junior College, u ghamel ir-rapport tieghu ghal xi t-8.30pm jew 8.45pm. Qal ukoll li l-Pulizija l-ewwel baghtu ghat-tfajla tieghu, Claudia Grixti, staqsuha min juza l-vettura MFA 999 u hi qaltilhom li juzaha l-gharus taghha, l-imputat, u ghalhekk hu mar minn jheddu d-Depot tal-Pulizija xi jumejn wara li kien ghamel ir-rapport tas-serq tal-vettura. Hemmhekk gie mitkellem mill-Ispettur JJ Borg. Xi jumejn wara, regghu baghtu ghalih il-Pulizija u gie mitkellem minn Spettur iehor. In kontro-ezami hu qal li l-karozza juzawha hu u t-tfajla tieghu, u cwievet ghandhom it-tnejn. Il-vettura ma hadhiex lura, u kellha diversi multi fuqha. Ma jafx jekk sofrietx xi hsarat. Meta nduna li l-vettura kienet nieqsa, mar ghamel rapport mal-ewwel.

**Sottomissjonijiet u trattazzjoni tal-partijiet;**

Fis-17 ta' Lulju, 2015, il-Prosekuzzjoni ppresentat Nota ta' Sottomissjonijiet fejn gabret it-trattazzjoni taghha bil-miktub. F'din in-nota l-Ispettur Malcolm Bondin, li issa kien ha t-tmexxija ta' dawn il-proceduri, ta spjegazzjoni tal-incident, hekk kif gia' rakkontat mill-Qorti. Spjega kif il-Pulizija kienet qed issegwi zewg vetturi, BBL 119 u MFA 999, minhabba suspett li seta' kien ser ikun hemm bejgh ta' droga, u dawn twaqqfu gewwa l-Luxol Grounds. Il-vettura BBL 119 twaqqfet, izda l-ohra, MFA 999, harbet minn fuq il-post. Hdejn il-vettura li twaqqfet instabet kaxxa b'diversi pilloli suspettati *extasy* u infethet inkjesta magisterjali. Aktar tard il-Pulizija gew infurmati li certu George Azzopardi kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Hamrun li l-jum ta' qabel, cioe' l-10 ta' Jannar, 2010, kien halla l-vettura tieghu MFA 999 fejn il-Junior College, izda l-ghada 11 ta' Jannar ma sabhiex, u ghalhekk ghamel rapport li din insterqet. Fit-12 ta' Jannar, Azzopardi gie arrestat u mitkellem, fejn hu kkonferma r-rapport tieghu dwar is-serq tal-vettura, izda meta gie mistoqsi fuq l-incident tal-Luxol tal-jum ta' qabel, ghazel li jibqa' sieket u ma jwegibx.

Il-Prosekuzzjoni argumentat li l-Pulizija kienu gharfu lill-imputat fuq il-post u nfurmaw mal-ewwel lis-superjuri taghhom. Dan jixhduh kemm l-Ispettur JJ Borg kif ukoll WPC 272 Diane Azzopardi. Fl-istess nota, il-Prosekuzzjoni tkompli targumenta li "Kien wara li saru l-verifiki necessarji li rrisulta li s-sid tal-vettura kienet il-partner tal-akkuzat odjern u li l-istess akkuzat huwa l-persuna li kien qieghed isuq il-vettura." Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni, dik ta' rapport falz jew ta' holqien ta' tracci ta' reat, skond il-Prosekuzzjoni, hija ppruvata. Ladarba gie ppruvat li kien Azzopardi li saq il-vettura, allura jsegwu l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u cioe' dawk ta' hsara volontarja fiz-zewg vetturi msemmija, u s-sewqan perikoluz u b'velocita' eccessiva. Rigward ir-recidiva u l-ksur tal-ordni ta' probation, is-sentenzi relattivi gew esebiti u kkonfermati.

Fit-23 ta' Settembru, 2015, il-kawza thalliet ghat-tratazzjoni tad-difiza wara li kienet inghatat kopja tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni. Is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015 ma saretx, b'sinjal ta' rispett ghall-Avukat Dt Carmel Chircop, li dakinhar stess safa maqtul minn terzi. Ghalhekk fil-21 ta' Jannar 2016 id-difiza ghamlet it-trattazzjoni orali taghha. Fi ftit kliem, id-difiza tissottometti li l-verzjoni ta' fatti li ta l-imputat hi ghal kollox verosimili u kredibbli. Kien l-imputat li ma ghamel rapport fil-11 ta' Jannar 2010 li l-vettura tieghu ttiehdet minn fejn kien halliha hu l-lejl ta' qabel. Ma jirrisultax li fil-mument li ghamel dan ir-rapport, hu kien 'wanted' fuq is-sistema tal-Pulizija kif kien xehed l-Ispettur JJ Borg. Mhux hekk biss, izda hu mar id-Depot tal-Pulizija minn jheddu, wara li baghtu ghalih biex ikellmuh,

Id-difiza targumenta wkull li WPC 272, li qalet li gharfet lill-imputat, m'hix kredibbli. Dan ghax fir-rapport li sar dakinhar stess, fil-11 ta' Jannar 2010, WPC 272 tghid biss li "a person who was in a white Toyota Starlet...MFA 999 drove off at great speed..." Fl-ebda hin ma tghid din il-Pulizija li gharfitu ghax kienet arrestatu qabel. Tghid hekk biss meta xehdet fil-Qorti, izda fir-rapport *a tempo vergine* dan ma tghidux. Id-difiza tghid li tant ma kienux jafu l-Pulizija min qed isuq il-vettura, li l-ewwel baghtu ghal Claudia Grixti, sid il-vettura, imbaghad baghtu ghall-imputat.

Inoltre, fl-inkjesta magisterjali, irrisulta li fil-vettura MFA 999 instab xi demm u tarf ta' sigarett, u sar ezami tad-DNA biex jitqabbel ma' tal-imputat. It-tqabbil irrisulta fil-negattiv. Id-difiza tghid ukoll li ghalkemm gew elevati l-impronti digitali tal-imputat, ma sar ebda esami komparattiv fl-inkjesta bejn l-impronti

tieghu u dawk li setghu instabu fil-vettura. Ghalhekk, argumentat id-difiza, jekk kien hemm persuna wahda fil-vettura MFA 999 qed issuq, kif xehdu l-Pulizija stess, mill-provi xjentifici prodotti u preservati fil-*proces verbal*, dawn jeskludu lill-imputat. Il-Pulizija baghtet ghall-imputat fl-14 ta' Jannar, tlitt ijiem wara, u haditlu stqarrija dakinhar biss.

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri;**

Mill-provi kollha prodotti, u mill-esami tal-istess provi, il-Qorti tikkonkludi s-segwenti. Jirrisulta li fil-11 ta' Jannar 2010, ghall-habta tal-5.00pm, il-Pulizija intercettat operazzjoni ta' traffikar ta' droga. Fuq il-post kien gie arrestat certu Clive Dimech, li kien fil-vettura BBL 119, mentri l-persuna li kienet fil-vettura l-ohra, Toyota Starlet bajda bin-numru MFA 999, saqet minn fuq il-post, u harbet wara li habtet f'vann tal-Pulizija HBC 962, li min-naha taghha habtet ma' vettura Hyundai GAN 602 proprjeta' ta' Anthony Cremona. Il-Pulizija saqu ghal wara din il-vettura, izda din intilfet. Aktar tard instabet fil-wied bejn San Gwann u s-Swieqi bi hsarat u hgieg miksur, u xi demm fuq wara. Fil-frattemp, ghal xi d-9.00pm, George Azzopardi mar ghamel rapport l-Ghassa tal-Hamrun, fejn qal li l-vettura tat-tfajla tieghu, Toyota Starlet MFA 999, ma kienetx fejn kien halliha l-lejl ta' qabel, u li ghalhekk aktarx insterqet. L-ghada l-Pulizija baghtu ghal Claudia Grixti, sid il-vettura u t-tfajla ta' Azzopardi, biex ikellmuha fuq ilvettura. Aktar tard gie arrestat George Azzopardi u rrilaxxa stqarrija fil-14 ta' Jannar, 2010, fejn ma wiegeb ghal ebda domanda li saritlu. Hu ma ffirmax l-istqarrija. Hu tressaq fis-17 ta' Gunju 2011, permezz ta' citazzjoni, akkuzat li nhar il-11 ta' Jannar 2010, fid-9.00pm, ghamel rapport falz lill-Pulizija, jew li holoq tracci ta' reat, u li aktar kmieni, fil-5.00pm gewwa Luxol Grounds, St Andrews, ghamel hsara volontarja fuq zewg vetturi, u li saq il-vettura MFA 999 b'mod traskurat u perikoluz u b'velocita' eccessiva. Hu nghata wkoll l-addebitu tar-recidiva u li wettaq reat waqt li kien taht ordni ta' probation.

Dwar l-incident *per se* fil-Luxol Grounds ma hemmx dubju li dan sehh. Li l-Qorti trid tiddetermina hu jekk fil-fatt kienx l-imputat li saq dik il-vettura, jew setax kien xi hadd iehor. Hemm tlitt ufficjali tal-Pulizija li jghidu li gharfu lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq il-vettura. PS 1086 Johan Micallef ighid li hu ra lill-imputat isuq il-vettura MFA 999. PS 891 Oscar Baldacchino ukoll ighid li gharaf lill-imputat isuq dik il-vettura. WPC 272 Diane Azzopardi tmur oltre; tghid li mhux biss gharfitu, izda kienet tafu qabel bhala persuna li kienet

investigat fil-passat. Id-difiza ippruvat tiskredita ix-xiehda ta' dawn it-tlitt xhieda, u l-Qorti taghtiha ragun. PS 891 – forsi bi zball – darbtejn jirreferi ghall-imputat bhala George Falzon, b'certa konvinzjoni. Sfortunatament, dan l-izball, meta l-Qorti tiehdu fil-kwadru komplet tal-provi, ixellef il-kredibilita' tax-xiehda. L-istess jista' jinghad dwar dak li stqarret WPC 272. Li kieku veru gharfitu mal-ewwel hekk kif kienet fuq il-post, il-logika tghid li kellha ssemmih b'ismu fir-rapport originali tal-Pulizija. Jekk veru kien investigat fil-passat, id-dettalji tieghu kienu jkunu gia' mdahhlin fis-sistema tal-Pulizija, u kien ikollu jigi arrestat u interrogat minnufih, u mhux jithalla jaghmel rapport l-Ghassa tal-Hamrun minghajr ma hadd jigi allertat. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-identifikazzjoni tal-imputat setghet saret b'mod hafna ahjar minn kif saret, ghax kif saret halliet ftit dubji f'mohh il-Qorti. Il-Qorti tifhem li dawn ix-xhieda jista' jkun li veru gharfu lill-imputat, u l-Qorti tifhem ukoll li f'waqt ta' operazzjoni ta' intercettazzjoni ta' bejgh ta' droga, u l-kommozzjoni li nqalghet bl-isparar u l-vetturi jigru wara xulxin, il-lucidita' hija wahda mill-ewwel li tigi sagrifikata. Izda haga bhal din li kienet daqshekk importanti kellha tissemma' b'mod specifiku fir-rapport taghhom, u mhux biss jithalla jsir accenn ghaliha fix-xiehda quddiem il-Qorti.

Fuq l-istess linja, ix-xiehda tal-Ispettur Borg ukoll taghmel riferenza ghal din is-sitwazzjoni. Hu jghid lill-Qorti li kien hemm diversi membri tal-Pulizija li gharfu lil George Azzopardi bhala l-persuna li kien qed isuq il-vettura msemmija, ghax "il-Pulizija kienu jafuh qabel fuq xoghol iehor...". Kif gia' esprimiet il-fehmiet taghha hawn fuq, li kieku veru gie identifikat mal-ewwel, allura kellha ssir tfittxija ghalih mal-ewwel, u mhux tfittxija ghall-vettura MFA 999 jew is-sid taghha. Ma kienx jaghmel sens li l-ewwel jibghatu ghas-sid tal-vettura, meta suppost gia' jafu min kien qed isuqha. Kien jaghmel sens li tibghat ghal sid il-vettura wara, biex tara dik il-persuna setghetx kienet involuta bhala komplici jew le.

Il-prova li l-Ispettur Borg ighid li qanqallu suspett li Azzopardi seta' kien qed jaghmel rapport falz kienet l-informazzjoni li tat Claudia Grixti, it-tfajla ta' Azzopardi. Meta din giet mitkellma mill-Pulizija, hi qalet li l-vettura kienet thalliet barra r-residenza fejn kiened qed tghix ma' Azzopardi, mentri l-imputat fir-rapport tieghu qal li l-vettura kien halliha fejn il-Junior College. Peress, izda, li Grixti ghazlet li ma tixhedx f'din il-kawza, l-informazzjoni li hi tat lill-Pulizija tikkwalifika biss bhala 'detto del detto', u ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis dik il-prova, ghalkemm tirrikonoxxi li s-suspetti tal-Ispettur Borg kienu plawsibbli.

Izda l-aktar prova li ma tghin xejn lit-tezi tal-prosekuzzjoni hija proprju l-*proces verbal* stess. Irrisulta li ma ttiehdu ebda impronti digitali tal-imputat biex jigu mqabbla ma’ dawk li setghu instabu fil-vettura. Ma rrisultax li ttiehdu impronti mill-istess vettura. Ittiehdu impronti ta’ Clive Dimech, il-persuna li kienet giet arrestata fuq il-post mill-vettura l-ohra, Toyota Carina BBL 119. Aktar minn hekk, il-profil genetiku tal-kampjuni elevati mill-vettura ma qabelx ma’ dak tal-imputat. Dan ukoll jitfa’ aktar dubji jekk effettivament kienx l-imputat li kien qed isuq dik il-vettura. L-anqas gie prodott bhala xhud dan Clive Dimech, biex forsi l-Qorti tisma’ jekk kienx ha jixhed jew le.

Kwantu ghat-tezi tad-difiza, il-Qorti tara li hemm kumbinazzjoni kbira li l-imputat mar ghamel rapport proprju wara li gara l-incident kollu fil-Luxol li l-vettura insterqet aktarx lejliet. Dawn il-kumbinazzjonijiet ihassbu mhux ftit lill-Qorti, izda fihom infushom ma jistghu iwasslu mkien f’qorti ta’ gudikatura kriminali. Tenut kont tal-provi kollha mressqa, it-tezi tal-Prosekuzzjoni tasal sal-grad tal-probabbli, mentri dik tad-difiza tasal sal-grad tal-possibbli. It-tnejn, izda, mhumiex sufficjenti f’din il-Qorti.

Ghalhekk, tenut kont tal-provi kollha migbura u mressqa quddiem din il-Qorti, il-konkluzjoni hi li l-Prosekuzzjoni naqset milli tasal sal-grad rikjest mil-ligi, dak ta’ lil hinn mid-dubju dettat mir-raguni. Ghalkemm tara li l-investigazzjoni ma kienetx wahda facli u li l-Pulizija setghet kellha suspetti fondati, dawn wehidhom ma humiex bizzejjed biex tinstab htija fl-imputat. Fin-nuqqas ta’ provi diretti jew cirkostanzjali ohra kontra l-imputat, il-Qorti m’ghandha ebda triq ohra hlief li tilliberah.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 110(2), 325(1)a) u 325(1)(b) tal-Kap 9 u l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi imputat hati, u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**